**_Ruling_ mogħti mill-iSpeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 267 tal-25 ta' Mejju 2015 dwar proċedura segwita fil-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi u dwar il-mansjoni tal-Awditur Ġenerali**

Fis-seduta parlamentari nru 265 tad-19 ta' Mejju 2015, il-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Edward Zammit Lewis talab *ruling* mis-Sedja. Se nikkwota mill-Minuti approvati tal-istess seduta:

> "Il-Ministru għat-Turiżmu, l-Onor. Edward Zammit Lewis, talab *ruling* mis-Sedja dwar jekk il-President tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, l-Onor. Tonio Fenech, kienx proċeduralment korrett meta dakinhar stess aġġorna laqgħa tal-istess Kumitat mingħajr ma tah l-opportunità li jqajjem ċerti punti b'rabta mat-*terms of reference* stabbiliti mill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali fl-ittra datata 10 ta' April, 2015 sabiex jinvestiga l-kuntratt bejn id-Dipartiment tal-Artijiet u l-General Workers Union iffirmat fit-12 ta' Diċembru 1997, mogħti lill-*Union* b'titolu ta' enfitewsi; u sabiex is-Sedja tiddeċiedi jekk it-*terms of reference* (a) u (d) imsemmija fl-istess ittra tal-10 ta' April 2015 jaqgħux taħt il-mansjoni tal-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali jew tal-Qrati Ordinarji."

Is-Sedja semgħet id-diversi kelliema fuq dan il-punt inkluż lill-istess Ministru Edward Zammit Lewis, fl-istess seduta tat-Tlieta, 19 ta' Mejju 2015, kif ukoll rat b'reqqa t-traskrizzjoni u l-Minuti tal-laqgħa tal-Public Accounts Committee ta' dakinhar stess meta kien qed jippresedi ċ-*Chairperson* l-Onor. Tonio Fenech. Rat ukoll diversi dokumenti, fosthom l-ittra li ntbagħtet liċ-*Chairperson* tal-Public Accounts Committee, datata 12 ta' Frar 2015 mill-Onor. Jason Azzopardi u l-Onor. Ryan Callus, kif ukoll l-ittra li bagħat l-Awditur Ġenerali, is-Sur Anthony Mifsud, fl-10 ta' April 2015 lill-Onor. Tonio Fenech.

Is-Sedja rat ukoll il-Kap. 396 li huwa l-Att dwar l-Awditur Ġenerali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, rat il-korrispondenza elettronika bejn il-Ministru Owen Bonnici u ċ-*Chairperson* tal-istess Public Accounts Committee, l-Onor. Tonio Fenech, u rat il-Kostituzzjoni ta' pajjiżna, in partikolari l-artiklu 108 tal-Kapitolu 9 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jitkellem dwar l-Awditur Ġenerali.

Ċertament is-Sedja daħlet profondament fuq dak li ġiet mitluba fir-*ruling* li huwa maqsum fi tnejn; parti hija proċedurali u parti hija fuq il-kwestjoni dwar kemm is-Sedja tista' tagħti direzzjoni dwar jekk il-Public Accounts Committee jistax jinterferi – inaqqas, iżid jew iwessa' – it-*terms of reference* li l-Awditur Ġenerali jkun stipula fir-rigward ta' investigazzjoni li jiġi mitlub jagħmel.

Is-Sedja qabelxejn ħadet nota ta' dak li hija jidhrilha li huma l-punti saljenti minn dak li ntqal minn diversi kelliema, kemm waqt il-laqgħa tal-Public Accounts Committee tat-Tlieta, 19 ta' Mejju, kif ukoll waqt is-seduta plenarja tal-Parlament tal-istess jum meta ntalab dan ir-*ruling* mill-Ministru Edward Zammit Lewis. Għalhekk, is-Sedja se tibda billi tagħmel mill-ewwel

referenza għal dak li qal iċ-*Chairman* u kelliema oħra u se tagħmel dan b'mod kronoloġiku biex imbagħad is-Sedja tkun tista' timxi għal deċiżjoni fuq ir-*ruling* li ntalab.

Fil-laqgħa tal-Public Accounts Committee tat-Tlieta, 19 ta' Mejju 2015, iċ-*Chairperson* qal hekk:

> "L-Awditur Ġenerali huwa istituzzjoni indipendenti minn dan il-Kumitat, jiġifieri ma setax dan il-Kumitat b'xi mod ibiddel it-*terms of reference*. U lanqas ma seta', dan il-Kumitat, jipprova jinterpreta l-liġi tal-Awditur Ġenerali x'tagħtih u ma tagħtihx jagħmel. Sussegwentement il-Gvern, jekk ma jogħġbux x'jirrapporta l-Awditur Ġenerali, jista' jikkontestah fil-fora li jrid jikkontestah fihom imma żgur li mhijiex mansjoni tal-Public Accounts Committee."

Inkompli nikkwota minn dak li qal l-istess *Chairman,* l-Onor. Tonio Fenech, f'dan il-Kumitat:

> "*Per cortesia*, l-Awditur Ġenerali, biex jiċċara x'se jinvestiga, jibgħat *terms of reference* lill-Public Accounts Committee."

Hawnhekk il-Ministru Edward Zammit Lewis irrisponda hekk:

> "Din ma kenitx investigazzjoni skattata mill-NAO *on his own initiative* imma kienet investigazzjoni skattata minn ittra li bagħtet l-Oppożizzjoni datata 12 ta' Frar 2015, li aħna ma kellna l-ebda riżerva li tiġi investigata, għalkemm l-investigazzjoni setgħet, bħal f'okkażjonijiet oħrajn, tibda mill-NAO *on its own initiative,* li ma saritx ...
>
> ... Il-Kostituzzjoni tillimita lill-NAO, la jien, la int, la dan il-Kumitat u lanqas il-Parlament."

L-Onor. Francis Zammit Dimech, li kien preżenti għal din il-laqgħa tal-Public Accounts Committee ħa wkoll sehem fid-dibattitu dwar dan il-punt fuq il-kwestjoni tal-poteri tal-Awditur Ġenerali u qal hekk:

> "Ejja nħallu lill-Awditur Ġenerali jaħdem skont il-mansjonijiet tal-indipendenza tiegħu kif garantiti bil-liġi mill-Kostituzzjoni u nieqfu hemm."

Hawnhekk il-Ministru Edward Zammit Lewis reġa' għamel dan il-punt:

> "Onor. Zammit Dimech, jaqa' fir-redikolu min ma jarax l-ittra datata 10 ta' April 2015. Jien qed ngħidlek li naqbel mal-punti minn (a) sa (e) – nista' nagħtihielek u araha. Jien m'għedtlekx li ma qbiltx mal-mansjonijiet. Jien qed ngħid li fuq il-punti minn (a) sa (e) naqbel però... Jiġifieri arahom il-karti qabel."

Hawnhekk kien hawn l-intervent tal-Awditur Ġenerali Anthony Mifsud, li kien preżenti għal-laqgħa tal-Public Accounts Committee li qal hekk:

> "Aħna għandna dritt, biex ngħid hekk, li t-*terms of reference* nagħmluhom aħna imma bħala prassi ngħadduhom lil dan il-Kumitat ħalli jkollna l-*feedback* tagħkom. Irrid ngħid li kif aħna hawnhekk, fil-PAC, dejjem nagħmlu, jiġifieri nikkuppjaw il-*Westminster model,* u hemmhekk l-Awditur Ġenerali għandu dritt jagħmel l-investigazzjonijiet li jrid hu u *strictly speaking,* la l-PAC u lanqas il-House of Commons ma jistgħu jordnawlu ... Imma aħna peress li għandna din is-sistema li ovvjament qegħdin hawn *mainly* biex naqdu lill-Parlament u nagħmlu dawn ir-*requests* li jkollna ..."

Kien proprju hawnhekk li l-Ministru Edward Zammit Lewis intervjena u qal hekk:

> "Ħalli ngħidlek x'kienet u se nerġa' nispjega. Jien qed ngħid li l-investigazzjoni għandha ssir fuq il-proċess li sar jiġifieri fl-investigazzjoni jridu jaraw: sar proċess trasparenti, ġew rispettati l-prinċipji tal-*good governance*? Dak li qed ngħid. Jien nispera li dawn huma riflessi fil-punti minn (a) sa (e) tat-*terms of reference* li għandi. Jien mhux qed ngħidlu biex ibiddel it-*terms of reference.* Dak kien id-diskors tiegħi."

Effettivament l-Ministru Edward Zammit Lewis reġa' qal hekk:

> "Jien hawnhekk għandi oġġezzjoni fuq il-kwestjoni tat-*terms of reference* u se nispjega għalfejn. Jekk mhux se naslu fuqha, li m'għandix dubju li mhux se naslu, se nitlob *ruling* fuqha. Imma se nispjega l-motivazzjonijiet tagħha. Jien qrajt it-*terms of reference,* naf li din bdiet mill-Oppożizzjoni – kif kellha kull dritt li tagħmel ..."

Kien hawn li ċ-*Chairman* qal hekk:

> "Il-Minuti kienu ċari li l-ittra ntbagħtet lill-Awditur Ġenerali kif inhi biex jinvestigaha. Ma saru l-ebda limitazzjonijiet dakinhar."

Aktar tard imbagħad il-Ministru Edward Zammit Lewis qal hekk:

> "Jien għandi riżerva mhux biss fuq il-proċedura imma fuq punt legali li se nitlob *ruling* dwaru u nivverbalizza l-motivazzjoni tagħna u nitlob *ruling* mill-i*Speaker*."

Iċ-*Chairperson* imbagħad qal hekk:

> "Bir-rispett kollu, li nipprovaw nużaw lil dan il-Kumitat biex nillimitaw lill-Awditur Ġenerali…"

Iċ-*Chairperson* imbagħad qal ukoll hekk:

"Din mhijiex materja ta' "*Other matters*", mhijiex fl-aġenda u l-laqgħa hija magħluqa. Jekk ma jogħġobkomx, itolbu *ruling* mingħand l-iSpeaker, jekk Minuti maqbula u approvati jistgħux jerġgħu jitqajmu."

Hawnhekk imbagħad il-Ministru Zammit Lewis immedjatament qal, "mela nitolbu *ruling*" u minn hemmhekk imbagħad ir-*ruling* intalab fil-Plenarja u se nagħmel aktar referenza għal dak li ntqal fid-diskussjoni fuq it-talba tar-*ruling* fis-seduta plenarja tal-istess ġurnata.

Is-Sedja se tagħmel referenza b'mod immedjat għall-ittra li diġà ġiet indikata, datata 12 ta' Frar 2015, mibgħuta mill-Onor. Jason Azzopardi u l-Onor. Ryan Callus, li bi qbil ġiet riferuta lill-Awditur Ġenerali mill-Public Accounts Committee biex jagħmel l-investigazzjonijiet tiegħu. Din tgħid hekk:

"Onor. Fenech,

Fil-31 ta' Ottubru 1997, il-Kamra tar-Rappreżentanti approvat Riżoluzzjoni li permezz tagħha ġiet aċċettata t-talba tal-General Workers Union biex tkun tista' tikri l-bini tagħha fil-Belt Valletta, li huwa mogħti lilha mid-Dipartiment tal-Artijiet b'titolu ta' enfitewsi, lil kumpaniji li fiha hija jkollha mhux inqas minn 51% tal-ishma (*vide* annessa Riżoluzzjoni, Dok. A).
In segwitu ta' din ir-Riżoluzzjoni, fit-12 ta' Diċembru, 1997 ġie ffirmat il-kuntratt pubbliku relattiv u ċjoè bejn il-GWU u d-Dipartiment tal-Artijiet għan-nom tal-Gvern ta' Malta. Kif tista' tara mill-anness kuntratt (Dok. B), fil-kondizzjoni numru (b) hemm proprju l-kliem: "*Government authorises the emphyteuta to transfer, assign, or let for commercial purposes to any Company in which the General Workers Union has over fifty-one per cent (51%) of the shareholding of such company and for such duration as it holds such percentage shareholding*".

Issa hu fatt magħruf u fid-dominju pubbliku li fl-2014 il-GWU kriet parti mill-bini tagħha fil-Belt Valletta, l-istess bini li hu milqut bil-kondizzjoni msemmija fil-kuntratt pubbliku ta' Diċembru 1997, lill-ARMS Ltd. Daqstant ieħor hu fatt magħruf li l-azzjonisti ta' ARMS Ltd huma l-Water Services Corporation u l-Enemalta plc (*vide* it-tweġiba għall-mistosija parlamentari numru 13827 mogħtija fit-2 ta' Frar 2015 u mmarkata Dok. C) u għalhekk il-GWU mhijiex azzjonista tal-ARMS Ltd.

B'hekk hu ċar li l-kirja tal-GWU lil ARMS Ltd. tal-bini tagħha fi Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta, qed tikser il-kuntratt pubbliku li ġie ffirmat bejn il-Gvern Malti u l-istess GWU fit-12 ta' Diċembru 1997, liema kuntratt jirrifletti r-Riżoluzzjoni approvata mill-Parlament Malti fil-31 ta' Ottubru 1997.

Għan-nom tal-Oppożizzjoni qegħdin nitolbu li l-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi jinvestiga u jiddikjara:

a) Jekk il-kuntratt pubbliku tat-12 ta' Diċembru 1997 (fejn il-Gvern Malti hu firmatarju) inkisirx biex jiġi aġevolat finanzjarjament terz;
b) X'kien il-parir tal-Kummissarju tal-Artijiet fl-2014, jekk ingħata, għal din il-kirja u x'kien l-*iter* amministrattiv minn meta d-Diviżjoni Proprjetà tal-Gvern kienet infurmata li saret/ser issir tali kirja ta' bini tal-Gvern mogħti b'enfitewsi lill-GWU bil-limitazzjoni kif ingħad hawn fuq;
c) Min, fid-Diviżjoni Proprjetà tal-Gvern, approva tali kirja bi ksur ta' tali kuntratt;
d) Min kienu l-uffiċjali pubbliċi involuti u responsabbli, inkluż iżda mhux biss fid-Diviżjoni Proprjetà tal-Gvern u fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, li awtorizzaw li ssir tali kirja bi ksur ta' dan il-kuntratt u tar-Riżoluzzjoni Parlamentari;
e) Jekk il-kondizzjoni (b) tal-51% ishma tal-kuntratt pubbliku msemmi tat-12 ta' Diċembru 1997 bejn il-GWU u l-Gvern Malti nkisritx jew hux qed tinkiser b'kirjiet kummerċjali oħra lil terzi li għaddejjin bħalissa u x'passi qed jieħu d-Dipartiment tal-Artijiet biex tali ksur ta' kuntratt pubbliku ma jibqax għaddej.

Insellu għalik,

Onor. Jason Azzopardi
Onor. Ryan Callus".

Kienet proprju din l-ittra li saret referenza għaliha fil-Minuti tal-Public Accounts Committee tal-laqgħa tas-16 ta' Marzu 2015 meta ġie maqbul mill-Membri tal-Kumitat li l-każ jiġi riferut lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika biex jinvestiga dan il-każ. Din id-deċiżjoni ġiet sanata bil-konferma tal-minuti fil-laqgħa tal-Public Accounts Committee tad-19 ta' Mejju 2015.

Is-Sedja qiegħda tagħmel referenza wkoll għall-ittra datata 10 ta' April 2015 li sussegwentement intbagħtet mill-Awditur Ġenerali li ġiet ċirkolata lill-membri tal-Public Accounts Committee liema ittra taqra hekk:

"Rif Tagħna: NAO 53/2015

10 ta' April, 2015

Onor. Antonio Fenech, MP, BA(Hons), Accty, FIA, CPA
*Chairman*
Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi
Kamra tar-Rappreżentanti
Il-Palazz
Valletta

Għażiż Onor. Fenech,

Nagħmel referenza għal ittra datata 12 ta' Frar 2015, mibgħuta lill-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi mill-Onorevoli Membri Jason Azzopardi u Ryan Callus, u diskussa fis-seduta tas-16 ta' Marzu, 2015. F'din l-ittra, u hekk kif sussegwentement maqbul mill-Membri tal-Kumitat, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ntalab jinvestiga l-kuntratt bejn id-Dipartiment tal-Artijiet u l-General Workers Union, fejn il-Gvern aċċetta t-talba tal-*Union* biex tkun tista' tikri bini fil-Belt Valletta, mogħti lilha b'titolu ta' enfitwesi, lil kumpaniji li fihom ikollha mhux inqas minn 51 fil-mija tal-ishma. Dan il-kuntratt huwa datat 12 ta' Diċembru 1997. Ġie indikat li fl-2014, il-General Workers Union kriet parti minn dan il-bini lil terzi.

Fl-isfond ta' din it-talba, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika qiegħed iressaq dawn it-termini:

a) jirrevedi jekk il-kuntratt bejn il-Gvern u l-General Workers Union inkisirx;
b) jistabbilixxi jekk id-Dipartiment kienx jaf bil-kirja bejn il-General Workers Union u terzi, jekk approvax din il-kirja, u jekk le, x'azzjoni ħa f'dan ir-rigward;
c) jesplora jekk kinux involuti uffiċjali pubbliċi oħra f'din il-kwistjoni, u x'kien ir-rwol tagħhom; u
d) jeżamina jekk hemmx kirjiet oħra lil terzi li mhumiex skont il-provvediment tal-kuntratt.

Traduzzjoni bl-Ingliż ta' dawn it-termini tinsab mehmuża ma' din l-ittra.

B'hekk, sabiex tiġi indirizzata t-talba dwar dan il-kuntratt, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika se jimxi b'dawn it-termini bħala gwida.
Anthony C. Mifsud

Ink.

Kopja lil: Onorevoli Jason Azzopardi, MP
Onorevoli Ryan Callus, MP
Sinjura Anna Brincat, Segretarju tal-Kumitat".

It-test Ingliż jaqra hekk:

"*An investigation of the agreement between Government and the General Workers Union dated 12 December, 1997, wherein Government authorised the emphyteuta to transfer, assign or let for commercial purposes its Valletta premises (granted by means of an emphyteutical agreement with Government) to any company in which the Union has 51 per cent shareholding. The terms of reference are as follows:*

*a) establish whether the provisions stipulated in the agreement between Government and the General Workers Union were breached;*
*b) determine whether the Government Property Department was aware of the sub-lease between the Union and third parties, whether the Department approved of such sub-letting, and if not, what action was taken;*

c) *ascertain whether other Government officials were involved in this matter, and if so, what was their role; and*
d) *establish whether other sub-letting agreements are in place and determine whether these are in accordance with the provisions of the agreement.*"

Jidher ċar li wara li din l-ittra ntbagħtet liċ-*Chairperson* tal-Public Accounts Committee, u wara li sussegwentement l-Onor Fenech għaddiha lill-membri tal-istess Kumitat, kien hemm korrispondenza bejn l-Onor. Tonio Fenech u l-Ministru Owen Bonnici kif jirriżulta minn kopja li s-Sedja għandha tad-diversi *emails* li jġibu d-dati 19 ta' Mejju 2015, 21 ta' April 2015, 20 ta' April 2015, 13 ta' April 2015 u 10 ta' April 2015. Minn din l-istess korrispondenza jidher ċar li l-Ministru Owen Bonnici kien qiegħed jiġbed l-attenzjoni li l-Public Accounts Committee għandu jara jekk jaqbilx mat-*terms of reference* li kien qed jagħmel l-Awditur Ġenerali fil-parametri tal-investigazzjoni mitluba.

Is-Sedja nnotat ukoll dak li ġara lejn tmiem il-laqgħa tal-Public Accounts Committee tad-19 ta' Mejju 2015 meta l-Ministru Edward Zammit Lewis ipprova jagħmel il-punt tiegħu dwar il-motivazzjoni legali fir-rigward tat-*terms of reference* li kienu qed isiru mill-Awditur fl-ittra datata 10 ta' April 2015 dwar l-investigazzjoni mitluba. Innotat ukoll ir-risposta taċ-*Chairperson* li din ma kenitx materja li taqa' taħt '*other matters*' u li lanqas ma kienet fuq l-aġenda tal-laqgħa tal-istess Public Accounts Committee tat-Tlieta, 19 ta' Mejju 2015.

Minkejja li s-Sedja kien se jkollha kemm ir-*recording* kif ukoll it-traskrizzjoni ta' dak li ġara fil-laqgħa tal-Public Accounts Committee tad-19 ta' Mejju, is-Sedja xorta ħasset li fis-seduta plenarja tal-istess jum, għandha tisma' lill-partijiet kollha mill-ġdid. Għaldaqstant hawnhekk, għall-benefiċċju ta' dan ir-*ruling*, is-Sedja se tagħmel referenza għal dak li qalu l-Ministru Edward Zammit Lewis, l-Onor. Tonio Fenech, il-Ministru Owen Bonnici, l-Onor. Francis Zammit Dimech u l-Onor. Deborah Schembri u b'mod kronoloġiku se tikkwotahom f'dawk il-partijiet li s-Sedja tara li huma importanti biex tasal għad-deċiżjoni tagħha.

Nibda b'dak li qal il-Ministru Edward Zammit Lewis:

> "Ġbidt l-attenzjoni li m'għandix dik l-oġġezzjoni biss, però għandi riżervi dwar it-*terms of reference* fir-rigward tat-tieni punt li kien se jiddiskuti l-Kumitat Permanenti, li hu dak li semmejt fil-bidu, jiġifieri l-konċessjoni ta' ċens li għandha l-General Workers Union mal-Lands. Fil-bidu ngħatajt il-permess miċ-Chairperson biex nitkellem, pero' kif intebaħ – u dan huwa kumment tiegħi – li l-oġġezzjonijiet li kelli kienu għat-*terms of reference*, li se nispjegahom fis-sustanza, qalli:
>
> > "Dawn mhumiex *matters arising*, qed inkunu *troppo buoni* magħkom; ħa naqbad u nagħlaq il-Kumitat Permanenti."
>
> Jien ma naċċettax dan l-atteġjament f'Parlament demokratiku, f'Kumitat immexxi b'mod demokratiku! Jien inbaxxi rasi għall-vot tal-Kumitat u għar-*rulings*

tal-iSpeaker però, ċertament, Sur President, li ħadd, u nerġa' ngħid ħadd, ma jirrombla fuqi jew fuq il-membri sħabi b'dak il-mod.

Allura, Sur President, l-ewwel punt tiegħi huwa fuq proċedura."

Il-Ministru Edward Zammit Lewis ikompli jgħid hekk:

"Jien minn hawn nistaqsi: Minn meta 'l hawn qed nitolbu lill-NAO jagħmel determinazzjoni ta' dritt ċivili? Fuq punti (b) u (ċ) m'għandix problema, huma fil-mansjonijiet tal-NAO għax qed nitkellmu fuq entità governattiva u allura għandu jinvestiga. Punt (e) jgħid ukoll li jrid jiġi investigat, *sopra corna bastonate,* jekk kirjiet oħra lil terzi humiex skont il-provvedimenti tal-kuntratt."

Nerġa' nikkwota lill-Ministru Edward Zammit Lewis:

"L-NAO huwa stabbilit fil-Kostituzzjoni, però fil-Kostituzzjoni tagħna, Sur President, hemm l-artiklu 39 jagħmilha ċara li d-determinazzjoni ta' dritt ċivili – u l-avukati jifhmuni – ma tiġix deċiża mill-NAO! Ksur ta' kuntratt, interpretazzjoni ta' kuntratt, ma jiġix deċiż mill-NAO però hija xi ħaġa li tiġi deċiża mill-qrati ordinarji tagħna, bil-garanziji kollha! Dak l-artiklu 39."

Imbagħad ikompli l-istess Ministru Zammit Lewis bil-punt importanti li jgħid hekk:

"Biex nirrikapitola, it-tieni *ruling* fis-sustanza li qed nitlob huwa li l-punti (a) u (e) huma affarijiet li b'mod mill-aktar ċar u mill-aktar pależi, għandhom jiġu deċiżi mill-qrati ordinarji tagħna għax huma fil-mansjoni tal-qrati tagħna! Dak kulma ridt ngħid. Ridt niddirezzjona l-investigazzjoni li nistieden lill-NAO jagħmel – u bl-ebda mod ma qiegħed nostakola lill-NAO – fil-parametri tal-mansjonijiet kostituzzjonali tagħna!"

Hawnhekk iċ-*Chairperson* tal-Public Accounts Committee ngħata l-opportunità biex jagħmel il-punt tiegħu. Niċċita dawk li fl-opinjoni tas-Sedja huma l-punti saljenti mqajma mill-Onor. Tonio Fenech:

"Dik kienet deċiżjoni magħluqa! Il-minuti approvati! Morna għat-tieni *item* fuq l-aġenda; għalaqna t-tieni *item* fuq l-aġenda u jien aġġornajt il-laqgħa u għedt li aġġornajtha għas-7.30 p.m. għax kien hemm il-Fuel Procurement Committee, li s'issa għadu ma bediex jiltaqa'. Dak il-ħin l-Onor. Zammit Lewis qal li ried iqajjem xi punti fuq l-ittri li ntbagħtu għall-attenzjoni ..."

L-Onor. Tonio Fenech kompla hekk:

> "Irrid ngħid Sur President, li jien mil-ewwel urejt lill-Onor. Membru li dieħel f'*area* li hija *ultra vires*; għax għedtlu b'mod ċar li l-ittri li qed jirreferi għalihom huma ittri li l-Awditur Ġenerali bagħat għall-attenzjoni tagħna u mhux għall-opinjoni tagħna;"

Ikompli jgħid hekk:

> "Għedtlu li jekk id-diskussjoni hija fuq dak il-livell jien ma nistax naċċettaha, għaliex l-Awditur Ġenerali mhux irregolat bil-liġi tal-Parlament – il-liġijiet kollha jgħaddu mill-Parlament – imma b'liġi tiegħu stess."

L-Onor. Tonio Fenech ikompli jgħid hekk:

> "L-Awditur Ġenerali qal ċar li dik intbagħtet għall-attenzjoni tagħkom, jekk kellkom xi kummenti stajtu tibagħtuhomli imma d-deċiżjoni finali tibqa'..."

Ikompli:

> "Għedtlu: Il-proċedura hija ċara, il-Minuti approvati, il-materja li trid tqajjem hija dwar minuti li diġà ġew approvati, kieku ridt tqajjimha kellek iċ-ċans kollu li tqajjimha dak il-ħin, ma qajjimthiex u s-seduta għaldaqstant ma tistax titkompla għax ma fadlilna xejn fuq l-aġenda u allura se naġġorna. U jien f'dak il-mument aġġornajt."

L-Onor. Tonio Fenech ikompli jgħid hekk:

> "Allura jien ħadt dik il-pożizzjoni, li mbagħad nitlob il-gwida tiegħek fir-*ruling,* Sur President, jekk proċeduralment jien imxejtx b'mod korrett."

Aktar 'il quddiem l-Onor. Tonio Fenech qal hekk:

> "L-Awditur Ġenerali bagħat it-*terms of reference* tiegħu fl-10 ta' April u kien fil-21 ta' April li bdejna l-korrispondenza bejn l-Onor. Owen Bonnici u bejni."

Kien hawnhekk li allura l-Ministru Edward Zammit Lewis reġa' rrepplika u qal hekk:

> "Jien m'ilix fil-Parlament daqs l-Onor. Fenech, però qatt ma rajt sitwazzjoni fejn b'mod edukat nipprova nqajjem punt u jgħidli li s-seduta magħluqa u nitilqu 'l barra. Jiġifieri jekk dak hu r-rispett lejn l-istituzzjonijiet għalik, għandi idea naqra differenti minnek."

Ikompli l-Ministru:

> "Hemm differenza bejn il-każ u t-*terms of reference*. Il-Minuti juru, Mr Speaker, li kien hemm qbil fuq il-każ, mela le, l-Onor. Bonnici qallu "ressaq il-każ lill-Awditur

Ġenerali". Li m'hemmx qbil fuq it-*terms of reference*. Spjegajt b'mod ċar għalfejn u mhuwiex ta' kuntest sħiħ."

Kien hawnhekk imbagħad li l-Onor. Francis Zammit Dimech qal hekk:

"It-*terms of reference* jifformulahom l-Awditur Ġenerali u l-funzjoni tagħna hija li nirrispettaw dik l-istituzzjoni, l-indipendenza u l-imparzjalità tal-Awditur Ġenerali u li n-naħa tal-Gvern ma tipprovax tfixkel u tostakola l-Awditur Ġenerali."

Il-Ministru Edward Zammit Lewis irrepplika:

"Jien bl-ebda mod ma ridt nillimita t-*terms of reference* tal-Awditur Ġenerali b'xi vot. Jien għedtilhom punt (a) u punt (e), l-ewwel punt u r-raba' punt, u mhux billi jgħid kuntest sħiħ. L-ittra tal-Awditur Ġenerali mhijiex kuntest sħiħ, erba' punti ta' indaġini, hekk ħadha l-Awditur Ġenerali u hekk hi d-diċitura tal-ittra.

Li ridt inqajjem – nerġa' ngħid, kieku ngħatajt l-opportunità – kien li l-punt (a) u l-punt (e) – u għalhekk ridt niġi umilment nissottomettiha lilek għar-*ruling* – ma jistgħux jiġu ddeterminati mill-Awditur Ġenerali għaliex huma kompetenza u fil-mansjoni tal-Qrati Ordinarji. Għaliex jekk tara l-(a) u l-(e), skużawni, l-(a) u d-(d), l-ewwel u r-raba' punt, tara li l-mansjonijiet, id-determinazzjoni tad-dritt ċivili bi ksur ta' konċessjoni enfitewtika u reviżjoni ta' kuntratti huma tal-qrati tagħna. Jekk hemm problema mmorru quddiem il-Qrati Ordinarji, mhux quddiem l-Awditur Ġenerali. Dak hu l-punt u għalhekk ridt nitlob *ruling*, mhux vot għax jien bl-ebda mod ma rrid nirrombla."

Hawnhekk imbagħad għamel l-intervent tiegħu l-Ministru Owen Bonnici u se nikkwota dawk il-punti li s-Sedja tħoss li huma importanti għad-deċiżjoni tagħha:

"Mela l-ewwel ħaġa li qed nitolbu lis-Sedja tinvestiga hija jekk setax iċ-*Chairman* jaġixxi bil-mod li aġixxa. Aħna qed ngħidu li ma setax iċ-*Chairman* jaġixxi b'dak il-mod."

Ikompli jgħid:

"Jien għamilt korrispondenza lill-membri kollha tal-Public Accounts Committee fejn qed ngħid li ma naqbilx mat-*terms of reference* għar-raġunijiet li tant qal b'mod tajjeb l-Onor. Zammit Lewis."

Aktar tard imbagħad l-Onor. Tonio Fenech qal hekk:

"L-iSpeaker mhux hekk qal, qal la l-Kumitat iddeċieda li jiftaħ id-diskussjoni mill-ġdid u ddiskutieha, inbidlu l-parametri, mela r-*ruling* preċedenti tiegħi fuq dawk il-Minuti ma jgħoddx. Hekk kien qal l-iSpeaker u jien dak l-iżball ma nerġax nagħmlu. Issa nimxi mal-proċedura kif suppost. U l-proċedura hi l-Minuti, jekk hemm

*issues* fuq il-Minuti li jridu jitqajmu, jitqajmu dak il-ħin. Jekk ma jitqajmux dak il-ħin, il-Minuti magħluqa u mmorru fuq *item* oħra u jekk tispiċċa dik l-*item,* u fl-aġenda ma kienx hemm *other matters,* mela *other matters* ma jitqajmux u mmorru għall-aġġornament. Dik hi l-proċedura."

B'risposta għal dan il-Ministru Owen Bonnici qal hekk:

"Jien ma naċċettax li jiġi l-Onor. Tonio Fenech u jgħid li jien qed ngħid li l-Awditur m'għandux jidħol f'punt (a) u (d) biex ma jaħlix il-ħin. Dik assolutament ma naċċettahiex. Ir-raġunijiet li qanqalt fl-*email*, li wara ġiet *leaked* fil-*MaltaToday,* huma raġunijiet serji u serji ħafna."

Dawn huma l-kwotazzjonijiet li ħadet is-Sedja mis-seduta parlamentari tad-19 ta' Mejju 2015 fil-Plenarja meta kienet qed issir it-talba għal dan ir-*ruling.*

Is-Sedja issa se tagħmel referenza għall-Kostituzzjoni ta' Malta, partikolarment l-artikolu 108 dwar l-Awditur Ġenerali:

"(1) Għandu jkun hemm Awditur Ġenerali li l-kariga tiegħu tkun kariga pubblika u li jkollu dawk il-funzjonijiet skont ma hemm provdut fid-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu.
(2) L-Awditur Ġenerali jkun uffiċjal tal-Kamra tad-Deputati u jinħatar mill-President li jaġixxi skont riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li tgħaddi bis-saħħa tal-voti ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra:
Iżda meta persuna li ma tkunx membru tal-Kamra tad-Deputati tiġi eletta bħala Speaker tal-Kamra tad-Deputati, dik il-persuna ma għandhiex titqies li tkun membru tal-Kamra għall-għan li tiġi stabbilita l-maġġoranza meħtieġa b'dan is-subartikolu."

Aktar 'il quddiem l-istess artiklu jgħid hekk:

"(4) (a) L-Awditur Ġenerali jista' f'kull żmien jitneħħa jew jiġi sospiż mill-kariga tiegħu mill-President, meta jsirlu indirizz mill-Kamra tad-Deputati li jsir bis-saħħa tal-voti ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra, li fih jintalab biex ineħħih mill-kariga minħabba f'inkapaċità ppruvata li jwettaq il-funzjonijiet tal-kariga tiegħu (sew jekk din tkun minħabba nuqqas ta' saħħa fiżika jew mentali jew minħabba xi raġuni oħra) jew minħabba f'imġiba ħażina ppruvata, u d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (a) tal-*proviso* li hemm mas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw ukoll għall-għan li tiġi stabbilita l-maġġoranza meħtieġa b'dan is-subartikolu."

Is-Sedja issa se tagħmel referenza għall-Att dwar l-Awditur Ġenerali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, Kap. 396, partikolarment għall-artikolu 9 tal-Ewwel Skeda tal-istess Att:

“(a) L-Awditur Ġenerali jista’ sew personalment sew permezz tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, bl-inizjattiva tal-Awditur Ġenerali nnifsu jew fuq talba tal-Ministru responsabbli għall-finanzi jew ta’ mill-anqas tliet membri tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi jew ta’ xi Kumitat ieħor bħal dak tal-Kamra tad-Deputati li minn żmien għal żmien jista’ jissostitwixxi lil dak il-Kumitat, jagħmel inkjesta u jirrapporta dwar:

(i) kull ħaġa li jkollha x’taqsam mal-finanzi tal-Gvern, proprjetà jew fondi amministrati jew taħt il-kontroll ta’ xi dipartiment jew uffiċċju tal-Gvern jew ta’ xi korp li l-kontijiet tiegħu ikunu suġġetti għall-verifika tiegħu;

(ii) dawk il-kontijiet u rapporti finanzjarji li jitqiegħdu quddiem il-Kamra tad-Deputati bis-saħħa ta’ xi liġi jew skontha;

(iii) il-kontijiet ta’ dawk l-awtoritajiet pubbliċi jew korpi li jamministraw, ikollhom f’idejhom jew jużaw fondi li jappartjenu direttament jew indirettament lill-Gvern ta’ Malta;

(iv) il-funzjonijiet ta’ kumpanniji jew entijiet oħra fejn il-Gvern ta’ Malta jkollu mhux anqas minn 51 fil-mija tal-ishma;

(v) kull ħaġa oħra kif jista’ jiġi stabbilit bi jew taħt xi liġi.”

L-artikolu 10 ta’ din l-istess Skeda jgħid hekk:

“(a) Meta l-Awditur Ġenerali jikxef xi irregolarità serja f’xi dipartiment jew uffiċċju tal-Gvern, jew f’xi korp li dwaru jkollu s-setgħa li jagħmel verifika, din għandha titgħarraf mill-Awditur Ġenerali lill-Ministru responsabbli għal dak id-dipartiment, uffiċċju jew korp tal-Gvern.

(b) (i) L-Awditur Ġenerali jista’ jagħmel rapport lill-iSpeaker dwar kull persuna li tkun qed twettaq dmirijietha f’dak id-dipartiment jew uffiċċju tal-Gvern, jew korp li dwaru jkollu s-setgħa li jagħmel verifika, u li jonqos milli jħares id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Att jew tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, jew ta’ xi regolament magħmul bis-saħħa tagħhom.

(ii) L-Awditur Ġenerali għandu jagħmel rapport fuq dik il-persuna lill-Ministru responsabbli għal dak id-dipartiment, uffiċċju jew korp tal-Gvern u jista’ jirrakkomanda li l-Ministru jaddebita lil dik il-persuna bl-ammont ta’ diżavvanz jew telf jew pagament mhux dovut li jirriżulta min-nuqqas ta’ tħaris ta’ xi dispożizzjoni ta’ dan l-Att, jew tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, jew ta’ xi regolament magħmul bis-saħħa tagħhom.”

Is-Sedja rat dan kollu u daħlet anke f’dak li jsir fil-parlamenti tal-Commonwealth, b’mod partikolari fil-House of Commons dwar il-pożizzjoni tal-Awditur Ġenerali kif ukoll dwar il-mod ta’ kif għandu jmexxi l-laqgħat iċ-*Chairperson* ta’ kull kumitat. Is-Sedja tinnota li ċ-*Chairperson* l-Onor. Tonio Fenech korrettement kien qed jisma’ l-pożizzjoni tal-Ministru Edward Zammit Lewis b’mod partikolari fuq it-*terms of reference* li joħorġu mill-ittra tal-Awditur Ġenerali datata 10 ta’ April 2015, liema ittra ċertament ma kenitx tifforma parti mid-dokumentazzjoni li kellu quddiemu l-Public Accounts Committee tas-16 ta’ Marzu 2015, għaliex kienet ittra li ntbagħtet wara din l-istess laqgħa li l-Minuti tagħha ġew approvati

fil-laqgħa tad-19 ta' Mejju 2015 u anke minħabba l-fatt li l-istess Chairperson kien konxju li kien hemm ukoll korrispondenza li kienet miftuħa bejnu u l-Ministru Owen Bonnici bil-Membri kollha tal-Kumitat ikkuppjati. Fid-dawl ta' dan kollu, fl-opinjoni tas-Sedja, kien ikun ferm aktar prudenti li kieku l-Ministru Zammit Lewis kompla jinstema' u jispjega l-pożizzjoni li kien qed jieħu dwar it-terms of reference kif indikati f'paragrafi (a) u (d) tal-ittra msemmija u biex sussegwentement, jekk tinħass il-ħtieġa kien jitlob *ruling* mis-Sedja f'dan ir-rigward.

Is-Sedja hawnhekk qiegħda tinnota li ladarba kienet għaddejja diskussjoni li wieħed jista' jgħid li setgħet titħalla għaddejja għaliex l-ittra tal-istess Awditur kienet għadha qiegħda tiġi diskussa bejn il-Membri – ċertament kien hemm diskussjoni b'mod elettroniku bejn il-Ministru Owen Bonnici, kif diġà ngħad, u ċ-*Chairperson* l-Onor. Tonio Fenech fejn kienu kkupjati wkoll l-Onor. Chris Agius, l-Onor. Kristy Debono, l-Onor. Claudio Grech, l-Onor. Joseph Farrugia, l-Onor. Charles Mangion u s-Segretarja Anna Brincat – fejn il-Ministru Owen Bonnici kien qed jgħid li:

> "... l-investigazzjoni inkwistjoni ma ġietx instigata mill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali nnifsu imma minn talba espressa tal-PAC. Għaldaqstant it-termini tal-investigazzjoni għandhom bħala minimu jiġu maqbula mal-istess kumitat.",

allura l-prudenza kienet titlob li proċeduralment ma kien hemm xejn ħażin li wieħed jiddiskuti u d-diskussjoni titħalla timmatura. Hawnhekk nagħmel referenza għal *ruling* tal-iSpeaker Michael Frendo mogħti f'seduta 260 tal-11 ta' Ottubru 2010 fejn kien intqal hekk:

> "Jidher ċar li, f'ċirkostanzi bħal dawn, is-Sedja għandha d-dover li tagħmel appell qawwi għall-buon sens tal-Presidenti u Membri tal-Kumitati kollha għaliex, fl-aħħar mill-aħħar, huwa dan il-*buon sens*, u mhux il-ktieb tar-regoli u l-prassi, li huwa l-pedament li fuqu jrid jinbena l-aħjar andament tax-xogħol ta' kull Kumitat."

Ċertament is-Sedja taqbel ma' din il-pożizzjoni tar-*ruling* ċitat fejn il-*buon sens* dejjem għandu jipprevali u m'għandu jkun hemm l-ebda giljottina u dan sabiex id-diskussjoni titħalla timmatura ħalli mbagħad ikun l-istess Chairman tal-Kumitat li jagħti dik id-direzzjoni kif effettivament għandu wieħed jagħmel.

Is-Sedja hija wkoll konxja mill-fatt li ma jistax jiġi appellat dak li jiddeċiedi ċ-*Chairperson* f'dik li hija proċedura. Hawnhekk nagħmel referenza għar-ruling ċitat hawn fuq tal-Ispeaker Frendo fejn qal hekk:

> "Is-Sedja ma tissindikax l-istil ta' tmexxija ta' Chairman jew jekk Chairman imexxix tajjeb jew le s-seduti tal-Kumitat li jippresjedi.".

Nagħmel ukoll referenza għal *ruling* li tajt jien stess fl-4 ta' Ġunju 2013 fejn kont għedt hekk:

"Hija prerogattiva tal-istess *Chairman* li jkun responsabbli mill-mod kif imexxi dan il-Kumitat u kif jgħid tajjeb l-istess Erskine May f'paġni 795 u 796 tat-23 Edizzjoni tal-istess ħarġa tiegħu, fejn jgħid – u nikkwota:

> *"Order in debate in a committee is enforced by the Chairman as he is responsible for the conduct of its business and no appeal from his decision should be made to the Speaker.*"

Però ntenni dak li kont għidt fl-istess *ruling* tiegħi u ċjoè:

> "... dan ma jfissirx li c-Chairperson m'għandux b'xi mod jasal f'*consensus* mal-Membri tal-Kumitat dwar it-tfassil tal-aġenda u li jkun hemm ftehim jew almenu kunsens bejn il-Membri kollha biex ikun hemm andament aħjar fix-xogħol tal-istess Kumitat Permanenti."

Is-Sedja tħoss li dan t'hawn fuq ma ġiex rifless fil-mod kif ingħalqet il-laqgħa tal-Public Accounts Committee ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Mejju 2015. Is-Sedja tħoss li dan l-atteġġjament m'għandux ikun irrepetut.

Is-Sedja se tmur fuq il-punt l-ieħor li ntalab min-naħa tal-Ministru Edward Zammit Lewis, dwar jekk is-Sedja tistax tiddeċiedi jekk it-*terms of reference* indikati f'paragrafi (a) u (d) tal-ittra datata 10 ta' April 2015 tal-Awditur Ġenerali, jaqgħux taħt il-mansjoni tal-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali jew tal-qrati ordinarji.

Is-Sedja, eżaminat il-prassi segwita fil-House of Commons fl-Ingilterra, u qed niċċita mill-ktieb *How Parliament Works* (is-6 Edizzjoni) miktub minn Robert Rogers u Rhodri Walters, preċiżament minn paġna 283 fejn jingħad hekk:

> *"The C&AG [Comptroller and Auditor General] is not subject to operational direction from the PAC [Public Accounts Committee], or even from the House of Commons itself. He alone decides what to investigate and what conclusions he will reach."*

Is-Sedja ħadet nota wkoll ta' dak li jgħid l-Erskine May (l-24 Edizzjoni) f'paġna 848 fejn jingħad hekk:

> "*The Comptroller and Auditor General is required to take into account any proposals made by the Committee in determining his programme of economy, efficiency and effectiveness examinations.*"

Is-Sedja rat ukoll in-National Audit Act Ingliża, partikolarment artikolu 1(3) fejn jingħad hekk:

> "*Subject to any duty imposed on him by Statute the Comptroller and Auditor General shall have complete discretion in the discharge of his functions and, in particular, in determining whether to carry out any examination under Part II of this Act, and as to*

*the manner in which any such examination is carried out; but in determining whether to carry out any such examination, he shall take into account any proposals made by the Committee of Public Accounts.*"

F'dan ir-rigward is-Sedja tinnota li din id-dispożizzjoni hija assenti mill-Att dwar l-Awditur Ġenerali u l-Uffiċċju Nazzjoanli tal-Verifika, Kap. 396.

Is-Sedja tinnota li huwa evidenti li anke jekk it-*terms of reference* jistgħu b'xi mod jiġu interpretati – kif qal il-Ministru Edward Zammit Lewis – li ma jaqgħux taħt il-mansjoni tal-Awditur Ġenerali, għaliex huma kwestjonijiet li għandhom jiġu deċiżi mill-Qrati – kwestjonijiet bħal pereżempju jekk il-kuntratt bejn il-Gvern u l-GWU inkisirx jew jekk kienx hemm kirjiet oħra lil terzi li mhumiex skont il-provvedimenti tal-kuntratt – jibqa' l-fatt li l-Awditur Ġenerali kulma jista' jagħmel hu li jagħti rakkomandazzjonijiet. L-Awditur Ġenerali ma jistax jagħti deċiżjonijiet u ma jistax jagħmel dak li jista' jiġi enforzat fil-konfront ta' terz. Il-preokkupazzjoni tal-Ministru Edward Zammit Lewis u tal-Ministru Owen Bonnici li toħroġ ċara mill-*emails* li s-Sedja għandha kopja tagħhom u li ġew mgħoddija lill-Membri kollha tal-PAC, hija indirizzata mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 10(b)(iii) tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar l-Awditur Ġenerali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, Kap. 396 li jgħid hekk:

"Kull min iħoss ruħu aggravat bl-addebitament li jsirlu jkollu jedd jikkontesta dak l-addebitament billi jistitwixxi kawża kontra l-Ministru fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mhux aktar tard minn xahar wara li jkun ingħatalu avviż tal-addebitament, u dak l-addebitament m'għandux jibda jseħħ qabel ma jiskadi xahar jew f'dak iż-żmien li matulu tkun għadha pendenti dik il-kawża fil-qorti."

Is-Sedja għaldaqstant hija tal-fehma li ma tistax u m'għandhiex dritt tindaħal lill-Awditur Ġenerali dwar x'*terms of reference* jagħmel. F'każ li l-Awditur Ġenerali jagħmel rakkomandazzjonijiet li jistgħu jkunu deċiżi aħjar mill-istess qrati tagħna, għal dan hemm rimedji legali li joħorġu mill-Kap. 396. Barra minnhekk f'każ ta' gravità akbar, hemm imbagħad ikkontemplata l-proċedura kostituzzjonali li toħroġ mill-artikolu 108 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Għalhekk fir-rigward tal-ewwel parti tat-talba għal *ruling,* is-Sedja filwaqt li tifhem li seta' kien hemm lok li d-diskussjoni fuq dak li kellu x'jaqsam mal-ittra li ġiet komunikata mill-Awditur Ġenerali lill-istess PAC datata 10 ta' April 2015 setgħet titħalla timmatura, qiegħda ssegwi dak li ġie dikjarat f'*rulings* preċedenti u ċjoè li s-Sedja ma tistax tissindika t-tmexxija ta' *Chairman.* Fir-rigward tat-tieni talba u ċjoè il-kwestjoni jekk it-*terms of reference* (a) u (d) imsemmija fl-ittra tal-10 ta' April 2015 jaqgħux taħt il-mansjoni tal-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali s-Sedja qiegħda tiddeċiedi li m'għandu jkun hemm ebda indħil fit-*terms of reference* li jagħżel li jimxi fuqhom l-Awditur Ġenerali. Kif diġa ġie spjegat, dak li finalment jista' jagħmel l-Awditur Ġenerali huma rakkomandazzjonijiet u jekk dawk ir-rakkomandazzjonijiet jitolbu li jkun hemm applikazzjoni ta' drittijiet, dawn għandhom jiġu deċiżi mill-Qrati tagħna u dan skont ir-rimedju li jinstab fl-istess f' Kap. 396.

Dan apparti l-fatt ukoll li l-Awditur Ġenerali huwa protett mill-istess Kostituzzjoni ta' Malta f'għemilu u dan kif tgħid l-istess Kostituzzjoni fl-artikolu 108(12) li jgħid hekk:

> "Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom taħt il-Kostituzzjoni, l-Awditur Ġenerali u d-Deputat Awditur Ġenerali ma jkunux soġġetti għall-awtorità jew kontrol ta' ebda persuna oħra."